# IL HABIB

Joħrog cull nhar ta ħamis, barra minn ħamis ix-Xirca u Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaûdex jisûielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisûielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeûûak b'cull xorta ta daûl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Dûardu Galea(str.Cristoforu,numru 174).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EÛÛEL SENA. IL ĦAMIS, 25 TA LULJU, 1912. NRU. 24.


*Inbiercu b' kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaûħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneû minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Ankas ma jemmnu
### B'GESU' CRISTU

Forsi, daûc li iridu jatu id-daûl lill Malta mixħuta fid-dlamijet tal fanatiżmu (illum imissna drajniha, ir-Religjon isejjħulha fanatiżmu) u tal injuranza, ghadhom ma ûaslux biex jiċħdu bid-dieher il Gesù Sidna;imma haûn jaslu ghaliex min jidhirlu li ghandu jidħac bit-taghlim tal Cnisja jispiċċa biex jiċħad il Gesù li hu il fundatur taħħa.

U min hu Sidna Gesù? Jecc ûieħed jisma il certi ghorrief tad-dinja, l'ictar taż-żmienijet taghna, ghandu jistaghgeb mhux ftit meta jismaħħom ighidu li Sidna Gesù ma deher katt fid-dinja, li id-dehra tieghu hi ħrafa, li ħajjtu, meûtu, ghamilu huma ħrejjef ucoll; jecc, imbaghad, tisma il xi oħrajn,ucoll taż-żmienijet taghna, ma nafx jecc humiex inkas ħżiena mill'oħrajn, tistaghġeb ucoll, ghax tismaħħom ighidu li Gesù chien bniedem cbir,filosfu u gharef li ma bħalu, benefattur cbir tal bniedmin; imma xejn actar minn bniedem. Ghal daûn Gesú Sidna ma hux ħlief bniedem, u bniedem biss; bniedem li jisbok il bniedmin collha; imma xejn actar minn bniedem, ma hux Alla; u jecc ma hux Alla ucoll, chif Hu il Feddej tad-dinja?

Issa li Sidna Gesù hu Alla tas-seû, hi verità li ħadd ma jista jiċħad, ghaliex murija b'argumenti liema bħalhom. It-tûielid tieghu, it-taghlim tieghu, il profeziji li ghamel, il miracli ta cull xorta li ħarġu mn'idejħ u bil chelma tieghu, il kdusija ta ħajjtu, il meût tieghu chiefra u il kaûma tieghu mill'imûiet, collox, collox jurina biċ-ċar li hu ma hux bniedem biss, imma Alla ta bilħakk. "Jen nghidlec, kal darba Napuljun il cbir lill general Bertrand, li ma chienx irid jemmen li Gesù hu Alla, jen nghidlec, ghax in-nies nafhom seûûa, li Gesù hu actar minn bniedem." Napuljun ried ighid li Gesù hu Alla.

Issa nistħajjel ûieħed isaksini, il ghaliex daûn il ghorrief tad-dinja, daûn l'appostli ġodda, li iridu jatu id-daûl lid-dinja bis-suffarini tal cubrit, il ghaliex jiċħdu li Gesù hu Alla, ûakt li din il verità hi hecc ċara?

L'eûûel nett, ghax tilfu rashom. Rajna li bosta ghax tilfu rashom jiċħdu l'Alla: oħrajn ghax tilfu rashom jiċħdu il Gesú. Rajna li min jiċħad l'Alla jaghmlu ghax ghandu interess jaghmel hecc, biex jibka jaghmel li irid; issa ma hix ħaġa comda li chiecu Cristu ma hux Alla? Chiecu Cristu ma hux alla, chiecu falza il Cnisja tieghu, chiecu it-taghlim taħħa spiċċa, chiecu, ighidu daûn il ghorrief, nieclu il laħam nhar ta gimgha, ma 'nsumux, ma nisimghux kuddies, ma 'nkerrux, chiecu nistghu nghixu, jecc mhux ta insara u ta bniedmin, almenu ta annimali! Oħ, xi pjacir, xi prugress meta ûieħed ighix ta annimal! *Homo cum in honore esset non intellexit comparatus est jumentis insipientibus et factus est similis illis*; daûn il chelmiet li huma tas-salmi (Salm 48, vers 12) bil malti ifissru li il bniedem imkieghed fi stat l'actar nobbli, ma gharafx id-dinjità tieghu, giè imxebbaħ lill bhejjem bla dehen, u sar bħalhom. Chiecu Cristu ma hux Alla, chiecu hi ħaġa comda tas-seû, ghaliex min fid-dinja jidhirlu li aħjar ighix ta annimal, almenu ma icollux il biża tal infern, u ankas il biża ta Cristu Imħallef, li ghad jitolbu ħakk irkik ta collox. Chiecu......imma dan il chiecu jurina ħaġa, u din hi li il verità mhux il moħħ tal bniedem jaghmilha; il moħħ tal bniedem ghandu isibha, u mischin hu jecc ma jilkaħħhiex, ghax jibka idur minn haûn u minn hinn, sa chemm jistordi u jaka.

Ghedna li daûn il ghorrief taparsi jiċħdu li Cristu Sidna hu Alla, il ghaliex tilfu rashom. Chif nistghu naħsbu xort'oħra? Tghid daûn il ghorrief studjaû ta bilħakk din il verità? Fettxeû minghajr il ghamad tal passjoni u tal vizzi jistudjaû ta bilħakk min hu Gesù Cristu? Ûieħed jista ighid(u ma jiżbaliax sgur)li daûn il ħûejjeġ ma ghamluhomx; katt ma raû ta bilħakk u seûûa min hu Gesù, dehrilhom li moħħom hu biż-żejjed biex jiddecidi, biex jakta u biex ighallem. Din suppervja,cburija mill'akûa; u is-suppervja billi iġġaghal il bniedem jaħseb li hu kieghed il fuk, ma tħallihx jinduna li cull chelma li ighid, li cull taghlima li toħroġ minn fommu, iġġaghlu jinżel niżla l'isfel. Is-suppervja tad-dinja ma tħallix li il bniedem jaghraf il Gesù. L'umiltà imma ittellghu ħdejħ, dic l'umiltà li tinsab fl'obbedienza lejn it-taghlim t'Alla u tal Cnisja, billi ûieħed jilka bil kalb dan it-taghlim, u jaghmlu u jipprofessaħ f'ħajjtu.Oħ, dan jemmen li Gesù hu Alla ucoll. Imma, billi il ghorrief ta żmienijetna b'dan it-taghlim ma iridux jafu ġu ankas iridu jaghmluħ, ghax iridu jemmnu f'Gesú chif idokkilhom moħhom, u ighixu chif jakblilhom, jispiċċaû biex ighidu li Gesù ma hux Alla. U aħna nemmnu li Gesù Sidna hu Alla,nemmnu u nitolbu ghal daûc li ma jemmnux hecc.

DUN MANÛEL.

## Xoghol sabiħ u li jisua.

Ûaħda mil ftit fabbrichi sbieħ u ta gid li ghandna Malta, hi dic tas-Sur F. S. Houswin, ħada is-*Salib tal Marsa*, illi fiha isir xoghol sabiħ ûisk bit-tadam. Rajniha b'ghajnejna din il fabbrica u rajna isir ix-xoghol fiha u billi dehrilna li ghandu icun ta ġid ghal cullħadd, irridu nghidu chelmtejn fuku dan ix-xoghol.

Il fabbrica hija ta cobor cbir u fiha imħażen fejn jintaghżel it-tadam, oħrajn fejn jitghalla u jitkaxxar, oħrajn fejn jitkieghed sħiħ fil caxxex jeû jintaghsar ghall cunserva, oħrajn fejn jiġi maghżul mill' ilma u disinfettat fil caxex stess, oħrajn fejn isiru il caxex ta cull daks, minn ktiħ il landa sal

gheluk bla nifs xejn tal caxex permezz ta ħafna mâgni, cull ŭaħda ghandha il biċċa taħħa. In-nisa li jaħdmu huma mal 150, barra minn bosta rgiel u il Cap ta cullħadd, ragel ta capacità cbira miggjub apposta minn Turin, is-Sur Franchino.

Haŭn rajna bil gŭida tas-Sur Houswin illi isir xoghol ta gid ghall gżira taghna, ghaliex il pajjiż jigi moghni b'cunserva ŭisk necessarja ghal cull xorta ta ichel, ħafna nies jaħdmu u jakilghu il ħobż ghall familja, ħafna oħra jitghallmu chif jaħdmu dan ix-xoghol necessarju u chif imexxu il mâgni ta cull daks, il gabillotti ghandhom fejn imexxu il frott tar-raba taħħom, bosta imbaghad iġorru bil carettuni jeŭ ghall fabbrica jeŭ mil fabbrica. Hadna ucoll pjacir ghaliex rajna eluf ta caxex vojta fid-depositu u is-Sur Houswin kalilna illi, chiecu chellu il frott x' jaħdem, chien imexxi ŭisk iżjed f'Malta u fl'Inghilterra. Meta stakseinieħ ghaliex ma ghandux frott biż-żejjed, kalilna u uriena li il frott jaħli nofsu, ghaliex il gabillotti jaktghu it-tadam bla cont u ħafna icun ghadu nejj jeŭ carmus bla laħam Haŭn xtakna ftit iżjed tal ghakal fil gabillotti taghna, ghaliex chiecu chienu jieħdu iżjed ħsieb tas-siġra u ta chif jaktghu il frott, chiecu jitħallsu iżjed u xejn ma jinħela mil koffa. Uriena is-Sur Houswin li, chiecu iridu, il gabillotti jistghu ikieghdu zcuc ma ġenb is-siġra tat-tadam biex tilħakhom ix-xemx minn cullimchien u il frott jicber u isir aħjar. Billi rajna ragjunata din l'osservazzjoni, conna niextieku illi inŭassluha u infiehmuha lill gabilloti collha, ghall gid taħħom u ta cull-ħadd. Chemm aħjar, ghal ftit tax-*xoghol* u tal ghakal, tieħu id-doppju? Specjalment issa li ftit hu ix-xoghol li baka iħalli xi ħaġa f'dina il gżira?

Fil ŭakt ghalhecc illi infaħħru is-Sur Houswin, li bil ħrara u il curaġġ tieghu tà din il fabbrica lill Malta, nirraccmandaŭ lil cull-ħadd li ighinu chemm jista u fuk collox lill gabillotti, ħalli ighaddi il kuddiem dan ix-xoghol li jati il ħobż lil tant nies u jaghmel ŭisk tajjeb lill Malta taħt cull aspett.

M. P. G.

## Il festa tal Carmnu

Sgur ħadd ma ighid li kieghdin nghaġġbuha, jecc aħna inxandru il *Festa tal Madonna tal Carmnu*, chif issir haŭn il-Belt, bl'actar ŭaħda devota fost il festi cbar ta Malta collha. Ma 'nsemmu ebda ŭaħda mill-l'oħrajn, biex ma nokorsu il ħadd, ghax il *Habib*, fejn tmiss ir-Religjon, ma imil fuk ebda genb: imma naħsbu li cull-ħadd jifhimma. Haŭn, mela, festi mil cbar nett, bħalma hi *Tal-Carmnu*, fejn iż-żîna ta barra tilħak ma taħħa u actarx tghaddiha xi ftit ucoll; haŭn festi oħra, dejjem mill' actar cbar, fejn il Cnisja ghandha iżjed ghâna ta fided, ta 'rħamijet, ta tpingija u x'naf jen: imma festa oħra bħalha, li mal ferħ, mal pompa, maż-żîna, mal funzjonijet imkaddsa ta geŭŭa il Cnisja u mal armar ta barra, mal mużichi ta fuk l'orgni u mal marcijet ta mat-Torok, tghakkad id-devozzjoni tal poplu collu, ma haŭn imchien! Minn ghalina, dac it-tkarbin bla-tarf, mill'eŭŭel ghodŭa tan-Novena sal ghodŭa stess tal Festa; u daŭc l'eluf ta nies, mil ghôla sal iċchen, nisa u irgiel, cbarat u ħaddiema, li, minn ftuħ il Cnisja lejliet il Festa sa chemm tinghalak nharha fil ghaxija, bil lejl nett, imorru ktajja-ktajja iżuruha, mhux biex jisimghu il mużica, mhux biex jaraŭ iż-żîna, mhux biex igaŭdu il festa, imma biex jinxteħtu ghar-rcopptejhom f'riġlejn il Madonna u jirbħu l'indulgenzi; minn ghalina, dan hu li jaghżel il *Festa tal Carmnu* mil festi l'oħra collha, ghad li mil bkija huma gŭappi daksha u il Cnisja 'Mkaddsa taghmilhom b'li stess fini taħħa.

Hemm, imbaghd, ħaġ'oħra li tghaxxakna f'din il Festa. Ma hi nieksa minn xejn: geŭŭa u barra, collox isir fiha ta festa mil cbar nett, bħalma chienet dejjem u bħalma hi: imma collox isir bil qŭiet, collox isir bil ghakal; u fil Processjoni, li hi ħaġa tant ghażiża ghall Cnisja Cattolica, ma jiġrix dac li, gimghatejn ilu, ghemghem minnu fil *Habib* il Cappillan Dun Mabb Sisner!

Hecc ucoll, f'ħajjet Alla l'imbierec!, irnexxiet il Festa ta din is-sena, li, geŭŭa u barra, sebket ucoll, chif cull-ħadd ra b'ghajnejħ u mess b'idejħ, il tas-snin l'oħra. Geŭŭa, bil ħrara cbira tal Provincjal, tal Pirjol u tal Procuratur tal Cnisja, li mexxeŭ il funzjonijet u l'armar bid-dehen taħħom, mghejjunin mil Patrijet l'oħra collha, maghkudin flimchien bl'imħabba t'Alla u t'Ommu Marija; barra, bit-tħabric u bil ħeġġa ta daŭc il ħafna ġuvintur, li, taħt ghajnejn is-Superjuri tal Cunvent u ghalenija mad-devoti collha tas-Santŭarju tal Madonna, jaħdmu minn sena ghal sena biex tirnexxi hecc il Festa. *Prosit* lil cull-min jitħokklu.

***

Stajna niekfu haŭn, ghax fuk l'Innu il ġdid, li saħħar bi ġmielu il cull-ħadd u li chien l'isbaħ biċċa tal festa ta barra mil Cnisja, tchellimna il gimgha l'oħra: imma fuk geŭŭa ghad irridu nghidu chelmtejn, biex insemmu il *Panigircu* Lit-Taljan li ghamel Monsinjur Dun Fons Agius, DD., B.A., Sacerdot li, bil gherf u il ħrara tieghu, ghad li ghadu żaghżuħ u ma iħobbx juri ruħu, kieghed jonura il Cleru ta Malta. *Il Panigircu li ghamilt int* — kallu il Professur Cuschieri, mita kâm jixrob bis-saħħa tieghu, ŭakt il pranzu tal Cunvent, fejn chien hemm mistiednin it-Tobba, l'Avucati, il Periti, is-Surmastrijet u Sinjuri oħra li ghandhom x'jaksmu mar-Reverendi Carmlitani tal Belt—*m'hux Panigircu comuni: inti gharaft tinseġ curuna chif tixrak lir-Ras Imkaddsa tax-Xbejba bla tebgha*. U aħna li f' collox, imma ŭisk actar fuk il ħila tal pulptu, nistkarru ix-xejn taghna kuddiem il Patri-Majjistru Cuschieri, ma nissugraŭx inżidu chelma oħra.

## Mil Brażil.

San Paolo
29 Maju 1912

Fit 18 ta Apail tlakna min Malta fil ħdax ta billeil u morna Tunes, min Tunes ghal Marsilia, min Marsilia ghal Spanja u min Spanja ghal Gibiltà, min Gibiltà ghal Dakar (africa) u min Dakar ghal Bajiana (Bahia) u min Bajiana ghal Riu Ġanejru u min hem ghal Santos—dana collu fuk il baħar u domna seirin 32 giurnata—issa irchibna il Ferrovia min Santos ghal S. Paul u domna sejrin 8 sighat, u uasalna fil locanda tal Gvern u domna jumein niclu u norkdu em geu—Imbaghat tlakna bil Ferrovia ghal Brażil u domna sejrin 10 sighat u usalna fil post culħat kauui u sħiħ—Is-siniur taghna lakana hafna tajeb, u ixxoghol tajjeb u fiħ klieħ il flus, u l'aria taiba aħiar min ta Malta u mix veru li hau il mart. Hsjebna tieħdu xein ghax aħna bosta cuntenti u nibaghtu insellu ghal culħat. Mur gheid lin-nanna u lil Michiel u lil Censu ta *lanios* u lil min kijed jisma u jakra din il carta u sellu ghal hbieb colla. Issa jbaghtulna chif intom, intomx taibin u ibaghtilna ittra fil Post ta dana l'indiriz u jech tridu tjġu taktou kalpchom xein.

L'indirizz—Fazenda S. Josè de Fortaleza
Estacos Guro—Estado de S. Paulo
*Brażil*—

Dana bizzejjet— u tuua lil Vangiela ta l'oħxon.

Vincenzu u Paulu Ellul.

Aħna uasalna kauijn u sħaħ il ħuejiec ghaljin ferm, issa jech ghandech piacir ibghat bictein huejec ghal ohtoc u ghattfal u ghal Paulu—imbaghat leuuel flus li jeħu jjbatilcom, u nibat insellu alichom ħafna. Oħti tħallinix bxein, u ma bghattlechx ittra alich uaħdec ghax chelna 2 bollol u intilfet uaħda u ma stajniex nixtru ghax conna fil boghot.

Salvina Ellul.

—

**Bħalma ghedna drabijet oħra, daûn l'ittri tal *Emigranti* inħalluhom bl' *ortografija* taħħom: u jidhrilna li naghmlu seŭŭa, ghax l'acbar gażetti tal Italja igibu l'ittri li jibaghtu is-Suldati minn Tripli u minn Binghażi lill familji taħħom chif icunu mictubin bit-Taljan mgharrak.**

Id-Direzzjoni.

## Il Loghob.

*Il laghàb, ħalliel*— ighid il Malti. U dan minnu, ghax min icollu il ghâda misħuta tal loghob, mita jitlef sal inkas ħabba, takbdu leblieba cbira, bħas-sicràn ghaxxorb, u biex jicseb x'jilghab imedd idejħ fuk collox. Il *pulit*, biex insemmu ŭaħda, idaŭŭar ghal *Caxxa tal Principal*; u il *baxx* imur jaħtaf imkàr minn ghalka. F'chelma ŭaħda, jisirku it-tnejn.

Mela, taghmel seŭŭa il Pulizija mita tħarrec bla ħniena mhux biss il laghaba ta taħt il ħitan, li itajjru f'siegha il *paga* ta gimgha xoghol u iħallu il mara u it-tfal fil bżonn, imma ucoll daŭc li iżommu il lakghat tal laghaba f'mezzanini imŭarrba, taparsi *Cażini*, seŭŭa fil bliet u seŭŭa fir-rħula. M'ilu xejn, tnejn tas-sengha li, sa dic il lejla, chienu nies tajjba u ta darhom, ŭara li tilfu cull-ma chellhom f'*Cażin*, ftehmu hemm geŭŭa stess biex jaghmlu serka: u ghamluha tas-seŭ, ghax fetħu dar b'imfietaħ foloz, chissru, ħarbtu, ħâdu dac li sâbu ighodd ghalihom u issa jinsabu *Cordin*!

Imma dan, tghidu intom, jiġri lill *baxxi*, ghax il *puliti* ineħħu ħuejjiġhom, jaghmlu id-djun, ifallu, jiġu kasab jixxejjer mar-riħ, l'actar imissu xi flus ta ħadd-ieħor li icollhom f'idejhom (u actarx bit-tâma karrieka li, mita jirbħu jeŭ jicsbu xort'oħra, jarġghu iroddu collox), imma sa haŭn, li imorru jisirku bil lejl, ma jaslu katt! Iva: hecc hu: iżda il *puliti* ghandhom il jedd jilghabu u il *baxxi* le? . . . Il Ligi contra il *Loghob tarrest* m'hix maghmula ghal cull-ħadd? . . .

Akraŭ x'gara l'Italja daŭn il granet.

Il Ministru tal Intern giè jaf li fil belt ta Montecatini (fejn il Cbarat u il Ghonja, mhux biss mill'Italja, imma mill' Eŭropa collha, imorru ighaddu ix-xhur tas-sajf, biex jieħdu il banju u jixorbu l'ilma ta hemm, li, chif ighidu, ifejjak jeŭ ibiggel bosta mardijet) tŭakkaf *Cażin* cbir mil Cavalier Lurati, biex taparsi daŭc is-Sinjurazzi icoll-

hom cull xorta ta divertiment chif jixirkilhom, iżda fiħ chien kieghed isir loghob oħxon. U, bla ma kaghad iħares ma dûaru xejn, ordna li ûieħed mil Capijet tal Pulizija (id-Delegat Tabusso), b'ħafna Carabinieri mieghu, jidħol f'dac il *Cażin* ghal gharrieda, fl'akkal tal lejl.

Id-Delegat Tabusso, ragel tal azzàr, daûûar il *Cażin* bin-nies tieghu minn cullimchien: u, chif is-Sinjurazzi, bil gistacor u bl'ingravata bajda, chienu imdaûûrin mal imûejjed tal loghob, daħal fukhom sobtu u ghajjat chemm chellu saħħa: *Żommu hemm. Araû li ħadd ma jitħarrec!*

Min tà is-salt biex jakbeż mit-tûieki, min ûaddab fil ġnien tal *Cażin* il *Caxxa tal Loghob*, li chien fiha ma dûar elfejn lira ingliżi, min ħabat iûarrab il fixxi (sofor, chienu isarrfu erba' xelini;ħomor, sittax il xelin; bojod, *ghoxrin lira*;), min bida jieħodha mad-Delegat tal Pulizija. Imma ħadd ma sghiċċalu mn'idejħ, inkas is-Segretarju tal Ministru tat-Tesor u il Membri tal Parlament Casirani u Arrivabene, ghax, ghal gieħna, daûn it-tliet Onurabbli chienu ucoll mal katta!

L'Onurabbli Pavia, bħala *Segretarju ta ûieħed mil Ministri* (setgha cbira fil Gvern, li haûn Malta ma ghandniex daksha, inkas is-setgha tal Gvernatur) ippretenda li jibghat id-Delegat il-barra: imma dan ma bażax minnu u kallu li, jecc ma jatiħx ismu bħall'oħrajn, jarrestaħ. Chif difatti, arresta il Cavalier Lurati ghax ûeġġghu bil cliem; u, billi ħabat ihebb ghaliħ ucoll, rabatlu idejħ bil manetti!

Issa il *Cażin* maghluk u jinghad li il Carabinieri, ûara li ħarrcu daûc il cbarat collha fuk il *loghob tar-rest*, ħadu maħħom minn hemm ma dûar it-tmin t'elef lira ingliżi.

Il loghob l'actar li chien tal *Baccarà*. Malta, haûn ħafna min jafu tajjeb!

G. G.

# Ûirja Maltija.

Is-sena li gejja (1913) ghandha tibka tissemma fl'Istoria ta Malta. Il Cungress Eûcaristicu hua biż-żejjed: iżda il ġiurnal ingliż *Chronicle* chiteb li chiecu issir ucoll fl'1913 Ûirja cbira tax-xoghlijet li jatu jaghmlu il Maltin, tcun ta gid cbir ghall pajjiż, ghaliex tiġbed ħafna nies f'Malta (u hecc jitkankal iżjed il cummerċ) u tisûa biex turi lill frustieri il ħila tal Maltin.

Jidhrilna li chiecu jitûakkaf xi Cumitat ghal dina il Ûirja, icun ghall'imsejcna Malta tas-seû tal gid.

Hemm bżonn nifhmuha tajjeb li, jecc ma inħabircux,ħadd ma hu sejjer jigi jakbeż ghalina.— Hemm bżonn naghmlu minn rajjna u mhux nokoghdu nistenneû li tinżel il manna mis-sema.

Pajjiżi oħra, cull tant snin, jaghmlu minn daûn il ûiriet li jisûeû ûisk ghall gid tal ħaddiema: biex ma immorrux il-boghod, Skallija tista tghid cull tliet snin taghmel ûaħda minn daûn il ûiriet, issa Catania u issa Paliermu.—Aħna, ja ħasra, maghmulin hecc: biex nitħarrcu, hemm bżonn min inigghiżna.

Biex ħaġa bħal din tirnexxi, irid li ûieħed ma jitlifx żmien, ghaliex bil chemm fadal sena u biex tlesti Ûirja li noħorġu fiha ta rgiel u bil gieħ collu sena ma hi xejn.

Not. M. D.

---

Mil Lucerna tal Ħajja.—16. L'ebda bniedem ma jista jitcabbar,ghax ma ghandux ħaġa li Alla ma tahielux b'xejn.

## Fiex it-taljan ma jakbilx mal-malti.

*(icompli ma' l-ahhar numru)*

It-taljan jista' jcollu accent imcarcar fuk cull vocali. Il-malti dan l-accent igibu biss fuk il-vocali *a, i, u* (â, î, û); u tant jistmerr l-accent imcarcar fuk il vocali *e* u *o*, li jiġuħ minn ilsna oħra, li mita dan, ûaħda jbiddilha fil-vocali *ie* teûmija tal-vocali *â*, bħal fil-chelmiet *decreto, segreto, sincero, pena*, li hu jagħmilhom *degriet, segriet, sincier, piena*; u l-oħra jsemmagħha biss, għax ma għandux ma hiex jbiddilha, fi cliem gej mit-taljan jeû minn ilsna oħra, bħal filchelmiet *xcôra* (saccora), *lôc*, (luogo), *ġôc* (giuoco), *scôla* (scuola).

Għalhecc inkisu li nictbu: *mijiet, dinjiet, patrijiet, ħsebijet, jien, jieħu, jiecol, jiekaf, sajjied, għajjien* u tant oħrajn bħal daûn; jigifieri ûara l-consonanti j, bħala vocali b'accent imcarcar nictbu *ie*, chif iħobb ilmalti, u mux *e* li l-malti jistmerr.

Din il-lezzjoni ûebbilni biha l-protu, li fin-numru 21 ta' din il gazzetta l-chelma *preposizzjonijiet* tliet darbiet ħariġhieli bilvocali *e* f'loc bil-vocali *ie*. U la gejna f'dan, ngħidu ûcoll li fl-istess ħarġa u fil-ħarġa ta' kabel din tal-lum stampali: *lill Żeża, lill Carmnu, lill ommoc* floc *lil Żeża, lil Carmnu, lil ommoc* bla ma kagħad jara li l-ismijiet tan-nies u nomi bi pronom meħmuż magħhom ma jeħdux articlu. Fil-ħarġa 19 inbagħad għamilli *a* żejda: ħariġli bil chelma *ħafna għasafar* f'loc *ħafna għsafar*, bla ma kagħad jara li bħal ma l-eûûel żeûġ consonanti ta' *mraden, sfafar, ħbabat, rdieden, ġrieden, srabat* ma għandhomx bejniethom vocali, ankas l-eûûel żeûġ consonanti ta' *għasafar*, plural bħalhom ta' erba' consonanti, ma għandu jcollhom bejniethom vocali.

Il-malti fuk il-vocali collha jista' jkiegħed in-nofs accent maħtuf bħal fil-chelmiet *dáħal, séker, nìzel, bójod, súûed, xorob, kéred, kágħad, bógħod*. Għat-taljan dan in-nofs accent ma jeżiżtix: ara chemm, li it-taljani daûn il-chelmiet isemmgħuhom b'accent imcarcar: *dâħal, sêker, nîżel, bôjod*.

*(Jissocta)* G. Vassallo.

# Ma dûar il Gżira.

—Nifirħu b'kalbna collha lill'*Aħûa ta li Schejjel Insara* (Fratelli delle Scuole Cristiane), li haûn Malta insejjħulhom il *Freres*, ghax it-tfal li huma ressku mil *Culleġġ* taħħom (*Stella Maris*) ta tas-Sliema biex jaghmlu l'eżami ghad-dħul tal *Liceo*, marrulhom tajjeb ûisk. L'eżami ma chienx ħafif, ghax, minn 119 il tfel li resku mil li schejjel ta Malta collha, ma ghaddeûx ħlief 35 ûieħed: u minn daûn il 35 hemm *ghaxra* taħħom. Fost daûn il ghaxra, imbaghd, hemm dac li giè *kuddiem cull-ħadd*. Il *Freres*, li ma ghandhom xejn mid-dinja, ghax huma *Religjusi* moghtijin ll'Alla, bil ûeghda li jaħlu ħajjithom collha fit-taghlim tat-tfal u fit-talb, jafu u iridu ighallmu tajjeb. It-tfal minn taħt idejhom joħorġu tajjbin fir-ruħ, tajjbin fil moħħ u tajjbin fil kalb, ghax huma, b'ħeġġa u bi ħleûûa tal ghaġeb, mal erba' lingûi (latin, taljan, ingliż u franciż), mal *aritmetica* u mal cull xorta ta taghlim ieħor li it-tfal jaħtieġu, jiġbduhom lejhom u jonġrulhom ruħhom u kalbhom, li jitilghu tûajjbin u tal Cnisja. Tistghu tibkghu sguri li min ichellem darba id-Direttur taħħom, Fra Joseph Emanûel, ragel gharef u fommu tal ghasel, jibka iħobbu: u fuk dic il ghamla huma imfasslin il *Freres* collha.

—Ghoġbuna ħafna it-*Taħbit il moħħ* li baghtulna is-Sur G. Sciberras u is-Sur Ġużè Attard, tal Imsida: u bi ħsiebna ingibuhom il gimgha id-dieħla. Il loghob ta din il gimgha ħafif ûisk u jixrak li cull-tant nżeûûku il biegha b'xi ħaġa actar tkila.

—Xtakna ingibu fil *Ħabib* il poeżija—*Tifħir lill Verġni Marija tal Carmnu*— li ma laħketx stampat-ruħha ghall festa u tinsab f'idejna, ghax tas-seû li ghoġbitna ħafna: imma tûila ûisk ghalina. Frattant, nifirħu lis-Sur Giuseppi Cassar, *Assistent f'li Scola tal Gvern* (ir-Rabat ta Ghaûdex), li chitibha.

—Giè taħt ghajnejna articlu sabiħ ûisk, imsemmi il *Gemgha ta cull gimgha ghall Cungress Eûcaristicu*, li sejjer jixxerred ma Malta collha: u inħossu id-dmir li nirriccmandaû lill Karrejja taghna biex ma jibkghux ma jakraûħx, ghax fiħ tas-seû x'tixtarr u x'tiżen. Jecc min chitbu jeû min sejjer ixerrdu irid icun igibu fil *Ħabib* ucoll, merħba biħ dejjem.

—Il Gvernatur, bis-setgha li tatiħ il Ligi, ħall il *Cunsill tal Gvern*: u ghal hecc, scond li stess Ligi, ghandha issir *Elezzjoni Generali* geûûa tliet xhur.

—Bħalma diġà ħabbarna, nhar il ħadd li gejj, tas-Sliema, icun hemm *Fiera Cbira* ghall ghajnuna tal Oratorju Sależjan, li tant hu migjub fil Pajjiż. Il *Fiera* tiftaħ fil *ħamsa* u taghlak fil *ghaxra* ta bil lejl: u icun hemm divertimenti, loghob, dakk, cant u cull xorta oħra ta moghdija tażżmien. Icun hemm ucoll is-*Sajda miraculusa*, il *Forn tal-ghaġeb*,il *Virga tas-sħarijet*, l'*Arca ta Noè*, iċ-Cinematografu, il Ûirja tal Pitturi u icheḷ,gelati u xorb bir-rfus,minn tal aħjar ħûienet tal Belt. Il banda ta *San Patrizju* tibda fil 5 u nofs; u fis-7 u nofs tibda tal Artellerija Maltija. Mal kamar qûinta, icun hemm *lampa famusa*, li tati daûl daks chiecu bi nhar. Dan collu b'*żeûġ soldi* ir-ruħ ghall cbar, ghax it-tfal jidħlu b'xejn, basta ma icunux uħudhom. Min ma imurx, mita jiftacar li, f'li stess ħin, jiddeverti ferm, jonfok ftit u jaghmel *opra tal carità* ma dac l'Oratorju li kieghed jiżra tant gid, ghar-ruħ u ghall gisem, fil gżira taghna?....

—Niżżu-ħajr lir-Reverenda Suor Maria Chiara Ceccarelli, Superjura tas-Sorijet Agustinjani ta ħal Kormi, li ghoġobha tistedinna ghall *Festa tal premjazzjoni* tal bniet ta dac li Stitut. Il festa tcun il lejla, fl'erbgha u nofs: u nisperaû li tirnexxi sabiħa bħal tas-sena l'oħra. Ma nonksux.

—**Intilfet.**—Curuna tar-Rużarju, biżżibeġ tal madriperla, imsensla fir-ram isfar, bis-salib u il glorji tad-deheb. Tisûa xi *disa' xelini*: imma chienet tant ghażiża ghand sidha, li min imur iħalliha *Strada Santa Lucija*, 168, ħdejn is-Sacristija ta *San Paûl* (haûn il Belt), JIEĦU LIRA RIGAL.

## Ma dûar id-dinja.

—Is-*Socjalisti* taljani imħaûûdin bejniethom ghall' aħħar: ghamlu bħal *Cungress* taħħom u inkasmu f'żeûġ partiti li tlakkmu *il leminin* u *ix-xellughin*.Is-sabiħa li checceû minn maħħom daûc li chienu miżmumin bl'actar gûappi: u fost daûn saħansitra l'Onurabbli Podrecca, Direttur tal *Asino*, l'aghar ġurnal li hemm l'Italja contra il Cnisja u

contra il Papa. Min jifhimhom ?! Is-*Socjalisti taljani* jinsabu mghajjrin mil gażetti tal partiti l'oħra collha li huma ghedeŭŭa ta Pajjiżhom ghax ghamlu chemm felħu contra il gŭerra ta Tripli: u frattant l'Onurabbli De Felice (dac li, snin ilu, chien giè ghadda ix-xhur sħaħ haŭn Malta u chien tħabbeb ma ħafna nies seŭŭa), ghad li *Socjalista* mill'iżjed ħorox u ma giex imchecci mal oħrajn, tchellem fil *Cungress* li sar Paliermu nhar il ħadd li ghadda favur tal gŭerra!

—Scond il galbu, il Gvern Franciż ma sabx-ruħu tajjeb bil firda tieghu mil Cnisja Cattolica u bil ġlied ma Ruma, ghax il gażetti ta Parigi kieghdin jillixcaŭ li aħjar jerġghu jibaghtu Ambaxxatur ghand il Papa, bħalma chellhom; u kalu saħansitra li, biex issir il paci, icollhom jakghu ghaliha huma, ghax il Papa ma ghandux bżonnhom.

—Il Ministru Ingliż Churchill (dac li, mita ghadda minn Malta, il Cunsilieri chienu taŭħ pranzu, ghax taparsi chien sejjer iseŭŭi il ghaŭġ taghna collu) kal fil Parlament, daŭn il ġranet, li jaħtieġ ma titkannasx il Flotta minn haŭn: u din l'aħbar tajjba ŭisk ghalina.

—It-Taljani, nhar it-tnejn li ghaddeŭ, chellhom battalja cbira mat-Toroc, f'Misurata. Ħarbtulhom elf u ħames mit ruħ u ħarrbuhom, fil ŭakt li huma ma tilfux ħlief 19 ir-ruħ u ma chellhomx ħlief xi tmenin feruti.

—Jumejn kabel, it-Taljani chienu ghamlu bravura oħra fuk il baħar, ghax ħames turpidinieri irnexxielhom, b'curaġġ tal ghageb, jidħlu bil-lejl geŭŭa id-Dardanelli, bid-dŭal mitfija; u ghad li it-Toroc lemħuhom u ghamlu in-nar fukhom mil fortizzi collha, reġghu ħarġu u kabdu il baħar il cbir bi ħsara ŭisk żghira. Il Ministru tal Gŭerra, chif ighidu, in-nies li chien hemm fuk il ħames turpidinieri, mil Captani sal inkas baħri, sejjer javanzahom collha.

—F'Nancy, belt ta Franza, saret disgrazzja cherha ŭisk. Aŭtomobbli, chif chien ghaddejj minn triek bis-saħħa tieghu collha, ħabat ma fîl tal azzàr li chien hemm stendut minn banda ghall'oħra tal ŭisa tat-triek, kuddiem fabbrica tal metalli, ghal xi xoghlijet li chienu kieghdin jaghmlu: u tnejn min-nies, dac li chien imexxi u ieħor li chien kieghed bil-kieghda ma genbu, bil ħabta ma dic il fîl inkasmu minn nofs ghal-collox.

—Nhar is-sibt li ghadda, billi chien jaħbat *L'anniversarju* tal meŭt tal Papa Lêuni Tlittax, sar funeral fil *Cappella Sistina* tal Vatican. Ħadu sehem fiħ bosta Cardinali, Iskfijet u Prelati: u chienu mistiednin biex jaraŭħ ħafna Cbarat u Sinjuri—fost l'oħrajn, il *Cavalieri ta Malta*. Kaddes il Cardinal Ferrata (li hu il Protettur tal Camra Pontificja Maltija): u, fl'aħħar, bierec it-tubru li stess Papa. Il mùżica tal Kuddiesa iddirigiha is-Sur Mast Perosi—l'akŭa chittieb li ghandha id-dinja fil *Mùżica tal Cnisja* u li jatuħ kima anche daŭc li m'humiex Cattolici.

†

Itolbu ll'Alla ghall mistrieħ tar-ruħ ghażiża tas-Sinjura

**Riccarda Felice,**

li mietet haŭn il Belt, nhar il ħamis li ghadda, ta 72 sena. Chienet mara tajjba u kalbha f'idejha. Ħsiebha fid-dar u fil Cnisja, katt ma ġriet ŭara il frugha tad-dinja: u chienet migjuba minn cull-ħadd ghall ħleŭŭa ta ghamilha. Alla jatiha il Genna.

G.M.A.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN

### XARADA.

Feliċ joffrilec nofsi,
Flus collha, armajn, il bkija,
Jecc sibtni aghmilni brodu
U tieħu sgur gost bija.

G. C.

## Taħbit il moħħ.

R A DAC N U

GIUS. MICALLEF.

L'aħħar żeŭġ TAĦBIT IL MOĦĦ chienu:

I.

Il Profeta Giona.

II.

Ġlieda cbira bejn żeŭgi u żeŭġa fuk pont ċchejchen.

Giebuhom: mil Belt, is-Sinjuri Achille Farrugia, Ġużè Lupi, Piju Borġ u Giuseppi Sciberras—mil Furiana, is-Sur Gius. Micallef—mil Birgu, is-Sur G. Micallef—minn Bormla, is-Sinjuri Antonju Vella u Carlu Attard—minn tas-Sliema, is-Sur Giorġ Casolani—mil Ħamrun, il Canonicu Dun F. Saliba u is-Sur Alfredu Perez—min ħal Kormi, is-Sur Salv Montebello — mill'Imsida, is-Sur Ġużè Attard—minn Ghaŭdex (San Laŭrenz) is-Sur Dŭardu Grima—u is-Sur Paŭl Cammilleri Bezzina, li ma kalilniex mnejn hu.

Iżda, ma nafux ghaliex, dac il *pont ċchejchen* fuk collox donnu ma raħ ħadd (barra minn ŭieħed): u hecc l'aħħar biċċa tat-*Taħbit il moħħ*, li chien fiha is-sugu collu tieghu—*fuk pont ċchejchen*—ħalliha cull-ħadd barra.

---

[*Dun Paŭl*] [*Proprietà letteraria*]

## Omm tasseu u Omm taparsi

*(Mit Talian ta F. Martinengo P. d. M.)*

Żidu mbagħad ix-xieda li tati ta di'l verità tal fidi, l'Iscrittura mkaddza. Haŭn issa ma nafx chif jistghu jeħelsuha il protestanti, għax il Bibbja li sejjra titchellem. Xi deffiena (nakraŭ fir-raba' ctieb tar-Rejjet) chienu sejrîn b'mejjet biex jidfnuħ; imma lemħu rieska fukhom ċorma ħallelîn, kabadhom biża u tefgħu il mejjet fl'eŭŭel kabar li sabu miftuħ u telku jiġru għal erbagħ. Inzerta dac il kabar tal profeta Eliseŭ! u chien b'risk il mejjet, għax, hecc chîf mess mgħal għadam ta dac il kaddîs raġġa' għal ħajja.

Immorru issa għat-*Testament* il gdîd. Il libsa ta Sîdna Gesù Cristu, nakraŭ fl'Evangelju, mîn chien imissha bil fidi chienet tagħmel miraclu mieghu: xiehda ta dan il mara li giet mfejjka minn marda ta tnax il sena. Iżjed, nafu mill *Atti* tal Appostli, li meta San Paŭl chien Efesu u chien kiegħed jagħmel ħafna miracoli, l'insara chienu ifittxu li jicsbu xi mactur jeŭ ħżiem milli chien gieb fuku l' Appostlu mkaddes, u li il morda chienu ifieku hecc chif imissuhom bihom. Għaliex mela il protestanti ilumuna talli nbusu u immissu bil kîma ir-*reliqŭji* tal kaddisîn. Ilumu lil insara tal eŭŭel *seclu* li chienu mdorrijîn hecc kabilna; ilumu lil San Paŭl talli chien iħallihom jagħmlu; ilumu lil San Luka talli gieb daŭc il miracoli fl'Evangelju li chiteb, u flaħħarnett ilumu lil Alla u lil Sîdna Gesù talli ŭettku dan collu, b'egħġubijit mill akŭa. Mgħal eŭlenîn nsara, magħ San Luka, magħ San Paŭl, magħ Gesù Cristu ħalli igħajjruna *supeistiziosi* u *idolatri*.—

Jitchelmu fûk daŭ'l ħŭejjeġ chienu ŭaslu ir-raħal. Il Cappillan, igħid, kâl:— Issa ŭliedi! inseŭ collox, u nġabru f'darcom. Jien niżżicomħajr ta'l gost li tajtuni il-lejla.

—X'inti tgħîd? Aħna niżżuħajr lilec.

—U b'kalbna collha! Għax għaddejtilna sagħtejn bħal ħolma.

—Għidtilna ħafna ħŭejjeġ sbieħ!....
Imma sur Cappillan, ma tcunx din l'aħħar?

—Naħseb li le.

—Seŭŭa: għax jeħtieġ li tissocta tgħidilna fûk il ħŭejjeġ tal protestanti: għax ŭasalna fi żmenijet....

—L'actar issa li għandna magħ dŭarna dac iż-żunżân.

—Hecc hu tasseŭ; ħŭejjeġ li jagħmel dejjem tajjeb tcun tafhom. La taħsbu xejn, uliedi; aħna nerġgħu nintakgħu.— Hu u igħidilhom hecc ħadilhom b'idejhom u telakhom.

V

*Il maklûb.*

Xi ġmiel ix-xaħar ta Mejju? sabiħ għal ħemda u'd-difa tal ajru, għal ħdûra tal għelieki, għal ŭard li jiftaħ ġdîd, u għalli il maħlûk jarġa' collu jixxittel, imma actar sabiħ mindu lil Cnisja għoġobha *ticconsacraħ* lil Madonna. U coss hu sabiħ Mejju għax ilellex bil ŭard, Marija jakaŭ m'hix l'isbaħ u l'akŭa ŭarda fost collha chemm huma il ħlejjak? U jecc dan ix-xaħar hŭa għażiż għalina għat-tama li inissel fil bidŭi tal frott tal ħidma tiegħu, Marija jakaŭ m'hix dic, li tât lid-dinja il Frott ta coll barca u saħħa. U ŭard u frott trîd minn għand daŭc li iħobbuha f'dan ix-xahar hecc sabiħ; ŭard, irrid infisser ruħi ta ħsebijet tajba u frott ta agħmîl kaddîs. Is-sliem għalic mela, l'isbaħ fost ix-xhûr tas-sena! Bil ħakk collu isellmulec bil ferħ l'insara tad-dinja collha, li il hena tal ŭard tiegħec idaŭru f'rebħ għal Marija.

Chien hîlu is-snîn il Cappillan jagħmlu fil pnrroċċa tiegħu. Meta gieh l'eŭŭel darba il ħsieb, chien hemm mîn kallu:—U għandec f'rasec li jiġu in-nies? Insejt mela li huma actarx collha nies tar-raba u tassnajja mgħobbijin bix-xogħol? Meta jidlâm iridu actar jistrieħu ġo darhom milli jiġu il Cnisja—Imma il Cappillan rûħ tajjba ma katgħâx kalbu għal cliem ta dac u chien ŭieġbu:—Icunu tnax, għoxrîn, icunu chemm icunu. Ebda ħsieb m'għandi li nġagħal li jigi lil ħadd!—u chien ħa' il biċċa u nxteħet għaliha bi ħrâra cbîra.

Kabel xejn bagħat igib minn Torin statua sabiħa tal Madonna u kegħeda fil cappelûn tal lemîn; sejjaħ jaraŭħa xi xebbiet li chellhom actar ħrâra u kallhom biex jeħdu ħsieb magħ tûl ix-xahar collu iżejjnuha bil ŭard frisc, biex hecc, għax-xama li chien icun hemm niekes, mħabba li il cnisja fkira ma chienetx tista' tonfok bosta chienet tpatti iż-zîna tal ŭard dejjem gdîd, maktuħ frisc u mkassâm b'gost ieħor; imma daŭc ix-xebbiet ma kablux bejniethom chif iżejnuha lil istatŭa, u chienu kassmu bejniethom il ġranet u dejjem bl'imħâtra min jagħmel l'aħjar

(16) (*Jissocta*)